GUDJA

Minuti ta' l-għaxar laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Osvaldo Pace, Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 09/6 (26/02/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Progress – GAL Xlokk

5. Local Enforcement System (LES)

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 09/6 (26/02/2010)**

1.1 Amenda għall-minuti. Sar qbil li peress li l-Kunsillier Sur Anthony Dalli kien preżenti u peress li l-Kunsillier Sur MA Sammut kien skużat għal waqt il-laqgħa tas-26 ta' Frar 2010, il-minuti li għandhom jiġu amendati sabiex juru li l-Kunsillier Sur Anthony Dalli kien preżenti filwaqt li l-Kunsillier Sur Mark Anthony Sammut kien skużat.

1.2 Para 2.3.3 tal-minuti 26/02/2010 sar qbil li l-kliem 'għandha tkun' jiġu mħasra u flokhom tidħol il-kelma 'ġiet'.

1.3 Wara l-approvazzjoni unanima ta' dawn l-amendi l-minuti tas-26 ta' Frar 2010 (09/6) li ġew ċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.1 Ħatra ta' sotto kumitat dwar l-offerti (tenders u quotations). Is-Sindku qal li kien sejjer jaħtar sotto kumitat li jkun magħmul: mis-Sindku, mill-Viċi-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv dwar l-adjudikazzjoni tal-offerti. Is-sotto kumitat jista jitlob l-għajnuna ta' esperti kif ukoll Kunsilliera oħra sabiex jgħinu fl-aħjar għażla u fejn jiġi żgurat li l-Kunsill ikun qed jikseb l-aħjar valur għal dawk il-flus li jkun sejjer jew qed jonfoq il-Kunsill b'risq ir-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar il-ħatra ta' Sotto Kumitat dwar l-Offerti u qabel ukoll illi dan is-Sotto kumitat kif maħtur għandu jgħaddi r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill u li l-għażla u approvazzjoni finali tkun dik tal-Kunsill Lokali Gudja.

2.1.2 Bollard fin-nofs fuq il-faċċata taċ-ċimiterju Triq Ħal Tarxien Gudja. Is-Sindku qal li għandha issir dan il-bollard sabiex jiġi evitat li fuq il-faċċata taċ-ċimiterju ma jkunx hemm parking li jfixkel id-dħul fiċ-ċimiterju speċjalment waqt xi funeral.

2.1.3 Ġnien quddiem il-Palazz ta' Bettina. Is-Sindku rrakomanda u l-Kunsill qabel li jagħmel applikazzjoni u jitlob li dik l-art quddiem in-naħa ta' ġewwa tal-ground tal-football tgħaddi għand il-Kunsill għall-skopjiet rikrejattivi.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Softarea ħdejn il-Palazz ta' Bettina. Il-Viċi Sindku rrakomanda u l-Kunsill qabel li jagħmel applikazzjoni u jitlob li dik l-art biswid il-Palazz ta' Bettin tgħaddi għand il-Kunsill għal skoijiet rikrejattivi.

2.2.2 Faċilitajiet dwar edukazzjoni fiżika flimkien mal-Gudja United Football Club. Is-Sur Baldacchino spjega dwar il-ħidma u xewqa tal-Kunsill sabiex jinstab mezz kif il-Kunsill jidħol fi Private Public Partnership Agreement mal-Gudja United FC sabiex filwaqt li l-Kunsill ikun qed jippromwovi l-edukazzjoni fiżika ġewwa l-Gudja ikun ukoll ta' sosten finanzjarju favur il-Gudja United FC u jsir ftehim formali li jassigura li dan ikun skond il-liġi u fil-parametri tar-regoli finanzjarji dwar il-Kunsilli.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra dwar dan lil Dr Chris Said, kopja lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jikseb gwida meħtieġa dwar kif jagħmel nvestiment ta' madwar tnax-il elf ewro (€12,000.00) flimkien mal-Gudja United FC bil-għan ewlieni sabiex it-tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani jkollhom lok u faċilitajiet xierqa fejn jeżerċitaw u jkunu jistgħu jieħdu l-aħjar edukazzjoni fiżika mingħajr ma jkollhom il-bżonn li joħroġu barra l-Gudja.

2.2.3 Bozza fi Triq Bir Miftuħ Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li tinbidel bozza bil-pistola b'kollox sabiex din il-parti tat-triq ikollha dawl aħjar.

2.2.4 BillBoard quddiem l-entratura tal-VIP ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jaħdem sabiex mal-ħruġ tal-Papa Benedittu XVI mill-ajruport u jirfess fuq l-art barra l-Ajruport nhar is-Sibt 17 t'April 2010 issib li billboard ta' Merħba f'isem il-Gudja u f'isem Malta.

Is-Sur Baldacchino qal li l-ispiża dwar dan tista tlaħħaq madwar €1000.00 iżda huwa kien qed ifittex sponsors, jew aħjar li x-xogħol issir bi spiża tal-Gvern Ċentrali flimkien mal-ħidma tal-Kunsill Lokali Gudja.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u awgura kull suċċess għal waqt iż-żjara tal-Papa f'Malta nhar is-Sibt u l-Ħadd 17 u 18 t'April 2010 ġewwa Malta.

2.2.4 Siġar tal-palma fil-Gudja meqrud mill-insett Palm weevil. Il-Viċi-Sindku qal li peress id-Dipartiment ikkonċernat għalkemm mitlub ħafna drabi naqqas li jagħti s-servizz meħtieġ u l-Kunsill kien kostrett li jitlob lill ELC sabiex jagħti s-servizz u jneħħu s-siġar meqruda u li jnaqqsu r-riskju li l-mard ikompli jinfirex fuq palma u siġar oħra.

Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sur Baldacchino u approva n-nefqa ta' €450.00 dwar dan.

2.3.0 Kunsilliera

2.3.1 Sur Osvaldo Pace

a. Jum il-Qari 2010. Is-Sur Pace qal li huwa għamel kuntatt mal-kapijiet ta' l-iSkola Primarja Kulleġġ San Benedittu kif ukoll l-iSkola Sta. Giovanna t'Antida sabiex din is-sena Jum il-Qari jkollu sura oħra li tkun qrib il-Kampanja Libreriji dwar it-tixrid ta' l-Edukazzjoni, rikreazzjoni, riċerka u informazzjoni.

b. Kunsill Lokali Żgħażagħ. Is-Sur Pace qal li dawn iż-żgħażagħ qed jippreparaw proġett li jkun ta' siwi għan-nies tal-Gudja u dan il-proġett jekk jintgħażel fuq livell nazzjonali jkun jista ukoll jikseb parti sostanzjali ta' finanzjament.

Kemm is-Sindku kif ukoll l-Kunsilliera l-oħra urew ir-rieda u l-ħeġġa sabiex jikkoperaw fil-ħidma tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ sabiex jiksbu suċċess f'dan il-proġett.

2.3.2 Sur Anthony Dalli

a. Ċentru ta' taħriġ, edukattiv u rikrejattiv. Il-Kunsillier A. Dalli qal li peress x-xogħol fuq dan iċ-ċentru huwa avvanzat, jonqos biss l-għajnuna mid-Dipartiment ta' l-Anzjani dwar linji gwida u riżorsi umani. Kien qed isir tentattiv sabiex niltaqgħu ma' l-Onor Mario Galea Segretarju Parlamentari inkarigat mill-Anzjani sabiex tinkiseb kull għajnuna possibli u b'hekk il-Kunsill Lokali Gudja jkun qed joħloq Ċentru ta' Lifelong Learning u li jservi ukoll f'sens rikrejattiv. Dan ikun ifisser li d-Day Centre tal-Gudja ikun mibni fuq idejat innovattivi.

Il-Kunsill qabel li jagħmel il-pagamenti u arranġament meħtieġa fosthom sejħa mill-Kunsill dwar minn jixtiq jissieħeb u jipparteċipa f'dan iċ-ċentru ta' taħrig, kreattiv u edukattiv sabiex b'hekk dan is-servizz ta' Day Centre

b'idejat innovattivi jiġi varat fl-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja speċjalment ta' l-anzjani.

2.3.3 Sur Mark Anthony Sammut

a. Proġett dwar iz-zuntier. Is-Sur Sammut qal li qed jaħdem sabiex dan il-proġett jidħol taħt l-ambitu ta' finanzjament ta' titjib fil-qalba tar-raħal u b'hekk ir-raħal tal-Gudja ikun jista jikseb aktar turisti li jkunu ukoll jistgħu jiġġeneraw negozju fil-Gudja.

Is-Sur Sammut qal ukoll illi jidher li peress iz-zuntier huwa tal-Knisja u peress l-fondi huwa specifikament għall-Kunsill, dan il-proġett jist jaffaċja r-riskju li ma jkunx jista jitwettaq.

Is-Sur Sammut qal li qed jagħmel dak kollu possibli sabiex flimkien mal-MEUSAC l-Kunsill jaħdem fuq proġett ta' fejda fil-Gudja.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport dwar l-ilment u qabel li jittieħdu dawk il-passi meħtieġa sabiex kemm jista jkun kull ilment jiġi kunsidrat malajr u b'hekk ir-residenti tal-Gudja jiksbu l-aħjar servizz mingħand il-Kunsill.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħatu f'dan il-perjodu mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-azzjonijiet meħtieġa skond kif ikun il-każ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċevejna f'dan il-perjodu mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-azzjonijiet meħtieġa skond kif ikun il-każ.

Il-Kunsill qabel ukoll dwar l-importanza tal-memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali speċjalment dwar l-informazzjoni mitluba li għandha tasal fi żmien mitlub.

## 4.0 GAL Xlokk

4.1 Is-Sur JM Formosa li qed jidher fil-Fondazzjoni GAL Xlokk għan-nom tal-Kunsill Lokali Gudja informa lill-Kunsill dwar l-informazzjoni u l-ħidma kif ukoll ir-riżultati miskuba tal-Fondazzjoni GAL Xlokk.

Il-Kunsill nsista li dawk ix-xewqat tan-nies tal-Gudja kif murija waqt il-laqgħa pubblika għandhom jiġu osservati u mwettqa kemm jista jkun malajr.

Il-Kunsill qabel li s-Sur JM Formosa għandu jkompli jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali Gudja fuq il-Fondazzjoni GAL Xlokk u li għandu jkompli jaħdem sabiex il-Fondazzjoni tikseb l-aħjar riżultati tanġibli speċjalment fejn tidħol it-twettieq ta' l-istrateġija dwar il-ħtiġijiet u proġetti meħtieġa ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-minuti tal-laqgħat tal-Fondazzjoni GAL Xlokk għandhom jiġu ċirkulati għand kull kunsillier sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom liema osservazzjonijiet jmorru ghand id-diriġenti tal-Fondazzjoni GAL Xlokk skond kif ikun il-każ.

**5.0 Local Enforcement System (LES)**

5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi sejra issir riforma li hija maħsuba sabiex issaħħaħ is-sistema ta' l-infurzar lokali. Dan huwa maħsuba illi jkun hemm aktar osservanza u ħarsien tal-liġi, inqas multi iżda cittadini aħjar.

5.2 Is-Sindku qal ukoll illi fil-preżent il-Gudja tifforma parti mill-Kumitat Konġunt taż-Żejtun iżda peress li issa l-Gudja qed tifforma parti mir-Reġjun ta nofsinhar u peress illi jidher li s-sistema tal-LES sejra titħaddem mir-Reġjun, jidher li is-sistema tal-LES tal-Gudja tkun ukoll fir-Reġjun ta' Nofsinhar u mhux aktar mal-Kumitat Konġunt taż-Żejtun.

Aktar dettalji dwar il-qagħda tal-LES fil-konfront tal-Gudja tkun tista tingħata waqt laqgħat oħra tal-Kunsill.

**6.0 Finanzi**

6.1 Petty Cash. Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €39.43 għax-xahar ta' Frar 2010 kif preżentata lill-Kunsill

6.2 Skeda ta' pagamenti. Il-Kunsill ra u approva n-nefqa ta' €13892.83 għax-xahar ta' Marzu 2010 kif preżentata lil Kunsill u dan wara spjegazzjoni kif mitluba mill-Kunsilliera preżenti.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Xatba ħdejn il-ġibjun f'Dawret il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li tkun ħaga tajba sabiex il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment ikonċernat sabiex jagħmel xatba simili bħal dawk li saru f'postijiet oħra fl-istess inħawi.

Fiċ-ċirkustanzi preżenti, speċjalment sabiex jitneħħa r-riskju, il-Kunsill jaqbel illi jekk id-Dipartiment jirrifjuta li jagħmel din ix-xatba meħtieġa, l-Kunsill jagħmel din ix-xatba spejjeż tiegħu.

Il-Kunsill qabel li jintalbu quotations dwar ix-xiri ta' dawn l-affarijiet li huma meħtieġa fil-ħidma tal-Kunsill.

6.3.2 Gazebo għal fuq il-ġibjun tax-Xlejli. Il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għall-offerti dwar dan skond proċeduri stabbiliti.

6.3.3 Tabelli. Il-Kunsill qabel li jordna diversi tabelli tat-traffiku mingħand il-Koptasin. Dawn it-tabelli għandhom jitwaħħlu fi Triq Fidloqqom, Sqaq Munxar, Triq il-Kbira u Triq Ħal Safi.

**7.0 Għeluq tal-laqgħa**

7.1 Il-laqgħa spiċċat fid-8.45p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku